MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 50/2006

**George Desira (I.D.1062646M)**

**vs**

**Anthony Desira (I.D.852434M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' George Desira datata 17 ta' Jannar 2006 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-ghalqa maghrufa bhala ta' Hajt il-Wied, Sqaq 5, limiti taz-Zejtun hija mqabbla lilu. Is-sid originali kien Gaetano Desira li sussegwentement biegh lil Salvino Abela.

Illi wara li miet missier il-partijiet, Vincenzo Desira, l-esponent ta l-kunsens tieghu sabiex ihalli lill-intimat, li jigi

huh, jaghmel uzu minn parti ta’ l-ghalqa b’dan illi Anthony Desira kellu jhallas nofs il-qbiela.

Illi l-esponenti ta l-ghazla lill-intimat sabiex jaghzel liema parti ta’ l-ghalqa ried u l-istess intimat ghazal il-parti mmarkata bl-ittra “A” u imberfla bil-kulur ikhal fis-*survey sheet* anness u mmarkat bhala Dok “GD1” liema parti tal-ghalqa tinkludi kamra tar-raba’.

Illi meta l-ahwa ddecidew kif ser tinqasam l-ghalqa, kien hemm hajt tas-sejjiegh li ghadu prezenti sallum li jidher fis-*survey sheet* ezebita mmarkat bil-kulur roza. Dan il-hajt ma jaqsamx l-ghalqa kompletament u l-intendiment kien li l-ghalqa kellha tinqasam tul il-hajt imsemmi u l-estrapolazzjoni tieghu, hekk kif indikat fl-istess dokument.

Minkejja l-ghazla l-intimat jew persuni awtorizzati minnu a kuntrarju ta’ dak miftiehem, ipproceda fi zminijiet diversi sabiex gradwalment pogga u mexxa posti (*stone posts*) il-gewwa mil-linja ta’ demarkazzjoni u b’hekk okkupa parti mill-ghalqa li kienet tmiss lill-esponenti, kif jidher mis-*survey sheet* u dan abbuzivament u minghajr l-ebda kunsens ta’ l-esponent u aktar talli hawwel patata f’dik il-parti ta’ l-ghalqa li messet lill-esponent.
Illi l-esponent interpella lill-intimat sabiex inehhi l-posti tal-gebel permezz ta’ ittra datata 11 ta’ Ottubru 2005 (Dok “GD2”), izda hu baqa’ inadempjenti.

Illi l-esponent interpella lil sid il-ghalqa permezz ta’ ittra ufficjali datata 19 ta’ Dicembru 2005 (Dok “GD”) sabiex jiddefendih fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu, izda l-istess sid ma ha l-ebda passi kontra l-intimat.

Illi l-esponenti ghandu nteress li jissalvagwardja d-drittijiet ta’ tgawdija tal-qbiela tal-porzjoni ta’ l-ghalqa li messet lilu skond il-ftiehem milhuq ma’ l-intimat u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi l-esponent jaf b’dawn il-fatti personalment.

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talab lill-initmat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-intimat qed jokkupa l-porzjoni tal-ghalqa mmarkata fis-*survey sheet* Dok. “GD1” minghajr ebda titolu validu fil-Ligi u minghajr il-kunsens ta’ l-attur.

2. Tordna lill-intimat jizgombra l-porzjoni tal-ghalqa fi zmien qasir u perentorju li din il-Onorabbli Qorti toghgobha tiffissa.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors li huma mmarkati bhala Dok “GD1”, “GD2” u “GD3” kif jidhru a fol 3, 4 u 5 tal-process.
Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smiegh minn din il-Qorti kif presjeduta ghas-seduta tas-7 ta’ Marzu 2006.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Anthony Desira datata 24 ta’ Frar 2006 a fol. 11 tal-process fejn espona:-

1. Illi l-kontendenti huma ahwa, u r-raba’ in kwistjoni kien originarjament mqabbel ghand u jinhadem minn missierhom, sakemm dan cedieh lil uliedu l-kontendenti fis-sena elf disa’ mija u tnejn u sebghin (1972), (*vide* Dok “AD1”, li hija ricevuta mahruga minn missier il-kontendenti Vincent Desira lill-esponent ghall-hlas tal-wicc u benefikati ta’ l-ghalqa “Ta Hajt il-Wied”).

2. Illi sussegwentement ghal din ic-cessjoni saret skrittura privata bejn il-kontendenti datata 28 ta’ Settembru 1975 quddiem l-avukat Dottor Joseph M. Buttigieg, fejn gie minnhom ddikjarat illi l-ghalqa “Ta’ Hajt il-Wied tal-kejl wejba, fil-limiti taz-Zejtun qed tigi mahduma nofs b’nofs kull wiehed, *cioe*` tomnejn kull wiehed (*vide* Dok “AD2”).

3. Illi minkejja li l-ftehim bejn il-kontendenti kien li r-raba’ jinhadem nofs b’nofs, il-kontendenti flimkien kienu ghamlu qasma bejniethom fuq ghajnejhom u minghajr ma nkarigaw Perit sabiex jaqsam l-art ugwalment, u flimkien poggew posti li kellhom jindikaw id-demarkazzjoni tal-qasma bejn il-bicca li kien u ghadu jahdem l-attur u dik l-bicca raba’ li kien u ghadu jahdem l-esponent konvenut flimkien ma’ ibnu Lawrence Desira.

4. Illi fil-fatt il-posti ta’ demarkazzjoni bejn iz-zewg porzjonijiet saru permezz ta’ gebel tal-franka li maz-zmien beda jitherra u jitmermer, u dan hekk kif jinsabu murija bl-ittra “A” fl-annessi rittratti dokumenti “AD3” u “AD4” rispettivament.

5. Illi peress illi l-attur huwa persuna litigjuza u ghal kull xejn taqbad kwistjoni, l-esponent hass li jkun ahjar li jitpoggew posti godda hdejn dawk li huma mmermrin sabiex fl-eventwalita` li dawn jispiccaw ghal kollox, il-posti godda jkunu diga` qeghdin hemm jiddimarkaw il-qasma originali bejn il-kontendenti (*vide* posta ndikata bl-ittra “B” fir-ritratt dokument “AD3”), izda meta dawn gew mqieghda fil-post, kuntrarjament ghal dak li juru l-istess ritratti annessi dokumenti “AF3” u “AD4” rispettivament, l-attur erronjament u falsifikament beda jallega li l-posti l-godda gew spustjati u mpoggija fil-parti tieghu.

6. Illi fil-fatt minkejja li l-iskrittura privata datata 28 ta’ Settembru 1975 (Dokument “AD”) tindika b’mod car tomnejn kull wiehed, filfatt minhabba li l-art nqasmet minghajr Perit sabiex jigu evitati l-ispejjez, il-porzjoni ta’ l-esponenti fil-fatt hija ta’ nofs tomna anqas minn dak miftiehem, *cioe`* b’dan li allura l-porzjoni li jahdem l-esponent hija tal-kejl cirka tomna u nofs, waqt li l-porzjoni li jahdem l-attur hija tal-kejl cirka tomnejn u nofs. Illi minkejja din id-deskripanza fil-kejl u kuntrarjament ghal dak miftiehem bejn il-kontendenti, l-esponent qatt ma ssolleva din id-diskrepanza fil-kejl fil-konfront ta’ huh u dan sabiex jevita kwistjonijiet bla bzonn.

7. Illi ghalhekk *in vista* tal-permess il-pretensjonijiet attrici huma ghal kollox infondati u frivoli fil-fatt u fid-dritt.

8. Illi l-esponenti jiddikjara li dawn il-fatti jafhom huwa personalment.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat ix-xhieda u l-lista ta' dokumenti mmarkati minn Dok "AD1" sa Dok "AD4" kif jidher minn fol. 12 sa fol. 17 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-7 ta' Marzu 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Mark Attard Montalto ghall-konvenut. Dr. Christine Bellizzi ghall-attur u l-attur issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti dderigiet il-konvenut biex jirregola ruhu dwar ir-risposta guramentata tieghu u jindika lill-Qorti liema huma l-eccezzjonijiet tieghu bil-mod kif rikjest mil-Ligi. Il-Qorti kkonfermat ghall-ahhar darba ir-rikorrenti biex jipprezenta l-affidavit tieghu fi zmien tletin (30) jum minn dan il-verbal bit-terminu estiz bid-digriet tad-9 ta' Frar 2006. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghat-3 ta' Mejju 2006; u tat-3 ta' Mejju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Christine Bellizzi ghall-attur u l-konvenut assistit minn Dr. Mark Attard Montalto. Dr. Christine Bellizzi pprezentat nota bl-affidavit. Dr. Mark Attard Montalto prezenta nota spjegattiva bl-eccezzjonijiet tieghu. Dr. Bellizzi ddikjarat li baqaghlha xhud biss lis-*surveyor* Randolph Camilleri. Il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-prezentata ta' l-affidavit ta' l-attrici tax-xhud fuq indikat bi tletin (30) gurnata. Inghata digriet affidavit konvenut. Id-difensuri ghandhom b'nota konguntiva jinfurmaw lill-Qorti jekk hemmx bzonn in-nomina ta' Perit Tekniku u dan fi zmien hamsin (50) gurnata. Il-kawza giet differita ghall-4 ta' Ottubru 2006 biex isir dan kollu u ghall-kontinwazzjoni.

Rat in-nota ta' Anthony Desira datata 6 ta' Gunju 2006 a fol. 26 tal-process li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu, ta' uliedu Lawrence u Frankie Desira, ta' Salvu Spiteri, ta' Michael Busuttil u ta' Lawrence Bugeja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Ottubru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Christine Bellizzi ghall-attur prezenti, u Dr. Mark Attard Montalto ghall-konvenut prezenti. Xehed Mario Attard Trevisan prodott mill-attur. Dr. Bellizzi ddikjarat li m'ghandhiex provi aktar hlief kontro-ezami. Dr. Bellizzi ddikjarat li din mhix azzjoni ta' spoll. *In vista* ta' dan Dr. Mark Attard Montalto rtira t-tielet eccezzjoni tieghu. Il-kawza giet differita sabiex il-konvenut

jaghlaq il-provi tieghu (Dr. Joseph M Buttigieg u l-Perit) ghall-10 ta' Jannar 2007.

Rat ir-rikors ta' Anthony Desira datat 9 ta' Jannar 2007 (fol. 50) fejn l-esponent talab lill-Qorti joghgobha tahtar Perit Tekniku sabiex jirrelata fuq l-punti msemmija fl-istess rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Jannar 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Mark Attard Montalto ghall-konvenut prezenti. Prezenti l-attur. Dr. Christine Bellizzi ssejhet diversi drabi baqghet ma dehretx. Xehed Dr. Joseph M. Buttigieg prodott mill-konvenut. Dr. Joseph M. Buttigieg esebixxa dokument ("JMB1") u l-partijiet prezenti ezentaw lill-istess Avukat mis-sigiriet professjonali. F'dan l-istadju dahlet Dr. Christine Bellizzi ghall-attur. Id-difensuri ndikaw fuq pjanta a fol. 3 tal-process li l-punt ta' kontestazzjoni bejniethom huwa li l-attur qed isostni li l-linja divizorja ghandha tkun dritta mal-linja xxejdjata bl-isfar fl-istess pjanta (li huwa hajt tas-sejjiegh), filwaqt li l-konvenut sostna li l-kontinwazzjoni ta' l-istess hajt hija skontrata lejn l-ittra "B" indikata fuq il-pjanat, u dan gie ndikat *seduta stante* u fejn il-konvenut allega li hemm posti antiki biex jindikaw dan fuq il-post. Il-hajt li hemm huwa dak indikat bil-linja. Hemm qbil li l-porzjoni "A" hija izghar minn porzjoni "B". Dr. Bellizzi oggezzjonat ghan-nomina ta' Perit Tekniku *stante* li f'din il-kawza m'hemmx bzonnu. Il-Qorti cahdet it-talba ghan-nom tal-Perit Tekniku. Xehed George Desira in kontro-ezami. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi izjed. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-8 ta' Marzu 2007; u tat-8 ta' Marzu 2007 fejn deher Dr. Mark Attard Montalto ghall-konvenut prezenti. Deher ukoll l-attur. Dr. Christine Bellizzi ssejhet diversi drabi baqghet ma dehritx. Dr. Attard Mintalto tratta l-kaz. Dr. Christine Bellizzi ssejhet diversi drabi ohra baqghet ma dehritx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2007, u l-ordni ta' din il-Qorti fejn il-kawza thalliet ghall-istess skop ghat-3 ta' Mejju 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jallega li kien hemm ftehim mal-konvenut li l-ghalqa mertu tal-kawza odjerna li kienet mqabbla lill-missierhom, kellha tinhadem bejn it-tnejn li huma u qed jallega li l-konvenut intimat ghazel li jahdem il-parti ndikata bil-blu fuq l-istess pjanta esebita bhala Dok. “GD 1” a fol. 3 tal-process, b’mod u manjiera li l-istess parti mill-ghalqa li kellha tinhadem mill-konvenut kienet biss testendi bi dritt il-hajt tas-sejjiegh li kien hemm ezistenti (*highlighted* bl-ahmar fl-istess pjanta), mentri l-konvenut qed isostni li l-parti tieghu kellha testendi b’mod skuntrat lejn l-ittra “B” indikata fl-istess pjanta a fol. 3 tal-process kif indikat bil-posti li jinsabu fuq il-post, u li gew ricentament re-markati b’gebel iehor kif jidher mir-ritratti indikati bhala Dok. “AD 3” u Dok. “AD 4” mar-risposta guramentata tal-konvenut u ndikati fl-istess *survey* redatt minn Mario Attard Trevisan u minnu kkonfermat fis-seduta tal-4 ta’ Ottubru 2006.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li meta saret din il-qasma ma kif kellha tinhadem l-art mill-kontendenti kien sar ftehim in iskritt bejn il-partijiet fil-presenza ta’ Dr. Joseph M. Buttigieg u dan permezz ta’ skrittura datat 28 ta’ Settembru 1975 li tinsab esebita bjala Dok. “JMB 1” (fol. 53) u kopja taghha dattilografata tinsab bhala Dok. “AD 2” (fol. 15) fejn jinghad li l-partijiet fil-kawza kienu qed jaqblu li l-ghalqa in kwistjoni kienet qed tigi mahduma minnhom *“nofs kull wiehed cjoe’ tomnejn kull wiehed”* u li kienu qed jadhmuha bi qbiela nofs kull wiehed, u dan ghalkemm ricevuta ta’ qbiela kienet qed tohrog biss fuq l-attur – tant li ddikjaraw li t-titolu ta’ qbiela jappertjeni lit-tnejn u ghalhekk il-konvenut intimat kellu b’titolu ta’ qbiela nofs l-istess ghalqa, u minn dik il-gurnata l-attur kellu johrog favur il-konvenut ricevuta ta’ qbiela b’rifermiment ghan-nofs l-istess ghalqa, qbiela li s-sehem ta’ nofs kien attwalment jithallas mill-konvenut lill-attur.

Illi jidher li ma' l-istess kuntratt ma kien hemm ebda pjanta ta' qasma, u fil-fatt jidher ukoll pacifiku bejn il-partijiet li l-porzjoni li tinhadem mill-attur (porzjoni "A") hija fil-fatt ikbar minn porzjoni "B" li tinhadem mill-konvenut, ghalkemm jinghad li dan gara hekk kemm fuq xelta ta' l-istess konvenut, u wkoll skond allegazzjoni ta' l-attur dan sar hekk peress li nhadet konsiderazzjoni li fil-porzjoni li jahdem l-intimat hemm kamra, meta f'dik li jahdem l-attur ma hemm xejn – fatt kontestat mill-konvenut ghaliex jghid li l-kamra dak iz-zmien kienet imwaqqa' ghal kollox u kien huwa li bniha kif inhi llum – allegazzjoni li ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-attur wara l-affidavit tal-konvenut u ta' uliedu.

Illi sadanittant l-attur ghamel din il-kawza odjerna ghaliex qed jallega li l-konvenut dahal fil-parti li hija mqabbla lilu u dan billi l-istess konvenut ma baqax jahdem dik il-parti tar-raba' li kien ghazel li jahdem fid-data tal-ftehim indikat, li kienet testendi biss bi dritt tal-hajt tas-sejjiegh ezistenti u ndikat fil-pjanta a fol. 3 tal-process, izda dahal fl-ghalqa li kienet minn dak in-nhar tinhadem mill-attur, u dan bil-mod kif indikat fl-istess pjanta a fol. 3 tal-process, fil-parti *shaded* ta' l-istess pjanta, b'mod li bil-posti maghmula skond l-attur ricentement jew fl-ahhar snin, l-istess linja divizorja bejn il-partijiet ta' ghalqa mahduma rispettivament miz-zewg partijiet, giet inklinata lejn l-ittra "B", li hija l-parti ta' l-ghalqa li tinhadem mill-attur. B'hekk l-attur qed isostni li l-konvenut qed jahdem u dahal f'parti mill-ghalqa li qatt ma kellu dritt li jahdem ghaliex l-estensjoni ta' l-ghalqa ta' l-intimat kienet testendi biss sal-hajt tas-sejjiegh hemm indikat u l-prolungazzjoni naturali ta' l-istess u mhux billi dik il-parti fejn ma hemmx hajt tas-sejjiegh testendi u tikser ghall-parti kif indikata bil-posti allegatament maghmula ricentament mill-konvenut u ndikati fl-istess *survey* u fir-ritratti esebiti mill-konvenut.

Illi min-naha l-ohra il-konvenut isostni li huwa kellu dritt jahdem sal-punt li l-partijiet kienu ddecidew fuq ghajnejhom dak in-nhar li sar il-ftehim, tant li kienu tqeghdu posti tal-franka sabiex jimmarkaw tali punt ta' dimarkazzjoni bejn il-partijiet ta' l-istess ghalqa mahduma rispettivament mill-kontendenti, u fejn kien hemm dawn il-

posti, u peress li dawn bdew jitmermru, gie fl-ahhar zminijiet re-indikat permezz ta’ gebel gdid hdejn il-posti qodma, proprju ghaliex il-gebel li kien qadim kien qed jitmerrer, kif il-konvenut jallega li hemm indikat fir-ritratti a fol. 16 u 17 tal-process.

Illi din il-Qorti thoss li f’dan il-kaz l-oneru ta’ prova kien jispetta lill-attur u din il-Qorti thoss li wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti li l-allegazzjoni vantata mill-attur li l-konvenut kien invada porzjoni mill-ghalqa mahduma minnu ma gietx minnu ppruvata fil-grad rikjest mill-ligi, tant li x-xhieda tieghu fil-waqt li hija sopportata mix-xhieda ta’ ibnu Genoroso Desira, din hija kontradetta mix-xhieda kollha prodotti mill-konvenut. Fil-fatt ix-xhieda tal-konvenut hija kkorroborata mix-xhieda ta’ uliedu Lawrence u Frankie u wkoll mix-xhieda ta’ Salvu Spiteri (prim kugin tal-konvenut) u ta’ Michael Busuttil, li ghandu raba’ vicin dik mertu tal-kawza odjerna, u dik ta’ Lawrence Bugeja, li ha r-ritratti tal-posti tal-gebel godda u antiki li hemm fuq il-post, liema ritratti huma esebiti fil-process ukoll a fol. 36 u 37 tal-process. Dawn ix-xhieda kollha jikkonfermaw li l-konvenut miz-zmien li saret il-qasma ta’ l-istess ghalqa, fiz-zmien ta’ l-iskrittura ta’ bejniethom datata 28 ta’ Settembru 1975, l-konvenut kien u baqa’ jahdem l-istess parti ta’ ghalqa u li l-parti mahduma minnu kienet dimarkata minn dik ta’ l-attur permezz tal-hajt tas-sejjiegh, u permezz ta’ posti tal-gebel li tpoggew ma’ l-art fl-istess ghalqa, posti li jidhlu l-gewwa mill-istes hajt, lejn il-parti mahduma mill-attur, u li l-istess parti li kien jahdem minn dak in-nhar, l-istess konvenut baqa’ jahdimha sallum, b’mod li maz-zmien bl-ebda mod ma usurpa jew dahal fil-parti li kienet u ghadha tinhadem mill-attur.

Illi din il-Qorti thoss li fid-dawl ta’ dan kollu u ghalhekk fil-kuntest tal-provi prodotti u l-atti processwali ma tistax tasal sabiex tghid li l-attur ipprova l-allegazzjonijiet tieghu, anzi jidher li dak minnu allegat huwa kontestat b’mod effikaci mill-konvenut li min-naha tieghu ressaq diversi xhieda li jindikaw u jsostnu t-tezi tieghu fis-sens li kienet saret qasma bejn il-partijiet indikata kemm bl-istess parti tal-hajt tas-sejjiegh li ghadha ezistenti u b’posti tal-gebel li l-partijiet kienu ghamlu fuq il-post, posti li ilhom hemm iz-

zmien u li gew ikkonfermati mix-xhieda kollha prodotti mill-konvenut. Dwar dawn il-posti li ilhom fuq il-post tant snin ma hemm l-ebda riferenza la fix-xhieda ta' l-attur u iktar sinifikanti fix-xhieda ta' Mario Attard Trevisan; dan huwa sinfikanti meta jidher car mir-ritratti esebiti li posti b'gebel immermer kienu ezistenti fuq il-post almenu fid-data meta nhadu l-istess ritratti.

Illi ghall-precizjoni jinghad li x-xhieda tal-konvenut kollha kkonfermaw li din id-demarkazzjoni permezz ta' posti tal-gebel ma' l-art kienet ilha hemm minn meta l-kontendenti qasmu r-raba' li kienet qabel imqabbel lil missierhom. A bazi ta' dan ukoll ix-xhieda tal-konvenut hija iktar kredibbli u skond il-provi prodotti f'din il-kawza ix-xhieda tal-konvenut hija iktar verosimili, u wkoll hemm korroborazzjoni taghha mix-xhieda minnu prodotti.

Illi f'dan il-kuntest jinghad ukoll li ma hemm ebda kontestazzjoni li ghalkemm fl-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet quddiem l-Avukat Dr. Joseph M. Buttigieg, gie ndikat li kull parti kienet qed tinhadem nofs kull wiehed, cjoe' tomnejn kull parti, dan fil-fatt ma huwiex il-kaz, ghaliex il-porzjoni tal-konvenut, anke fejn hemm il-posti hija izghar minn dik mahduma mill-attur – ghalkemm din il-Qorti thoss li l-iskop ta' l-istess skrittura kien l-iktar sabiex jigi ndikat in iskritt li l-konvenut kellu dritt ghan-nofs il-qbiela ta' l-istess ghalqa, tant li kien ihallas nofs l-ammont ta' l-istess qbiela, lill-attur u mhux direttament lis-sid.

Illi *in vista* ta' dan kollu din il-Qorti thoss li wara li ezaminat il-provi kollha prodotti bir-reqqa kollha li a bazi ta' dak hawn deciz u l-konsiderazzjonijiet hawn indikati, li l-attur ma rnexxielux jipprova dak allegat minnu u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom u qed jigu michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------